**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA 18 ta' DIĊEMBRU, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia informa li ma setgħax jattendi għax hu imsiefer.
Il-Kunsillier Kyle Mifsud informa li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab ma jiflaħx.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **7.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 7.1.1 | | Intlaqgħu l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u tal-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |
| **7.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 7.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'punt 6.3.3 hu kien qal li minn issa 'l quddiem mhux ser ikun favur ta' bini barra r-rationalisation li sar 2006 |
| | | |
| 7.2.2 | | Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia rringrazzjat lil kull min attenda għall-attivita' ta' Milied f'Bubaqra u qalet li l-attivita' kienet suċċess. |
| | | |
| 7.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitt seduta. |
| | | |
| ***7.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 7.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li s-Sindku ta' Ħal Safi għamel forum fuq Town |

| | | |
|---|---|---|
| | | twinning u stiednu lil persuna mill-Kunsill biex tirrappreżenta lir-raħal. Il-programm hu Europe for Citizens programme 2014/2020. Għal dan l-avveniment tiela jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq il-Kunsillier Kaydem Schembri fi Sqallija. Dan kollu mingħajr ma tinvolvi l-ebda spejjeż lill-Kunsill. Jekk il-programm jirnexxi, jibdew jitilgħu żgħażagħ mir-raħal. Sena oħra jkun il-Kunsil taż-Żurrieq li jilqa lill-pajjiżi barranin. Hemm diversi postijiet inklużi f'dan il-programm. |
| | | |
| | | |
| ***7.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 7.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri kellu kuntatt ma' post fi Sqallija li jixtiequ jagħmlu ġemellaġġ maż-Żurrieq. |
| | | |
| 7.4.2 | | Is-Sindku qalet li fiż-żjara tagħha mal-atleti taż-Żurrieq Wolves li kienet okkoljenti ħafna min-naħa tal-Kunsill ta' Giulianova, xtaqu li ukoll li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jgħamel ġemellaġġ magħhom.<br><br>Kien hemm qbil li ġemellaġġi jkunu diskussi f'seduta oħra. |
| | | |
| 7.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li hemm bozza maqtugħa fejn il-substation ta' Triq Bubaqra. |
| | | |
| 7.4.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qrat email ta' ilment minn resident fi Triq Fra Gan Marie Zammit, minħabba il-problema ta' parking bays biex jitneħħew għax it-triq dejqa wisq fl-akwata. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 7.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• li hemm bżonn li jitneħħa l-ħaxix selvaġġ li hemm fi Vjal il-Blue Grotto fil-konki tal-palm. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Triq Vince Dimech, Triq Dun Gwann Camilleri u l-akwati hemm bżonn li jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku għax it-toroq kollha jgħatu biex joħorġu lejn il-mitħna u m'hemmx triq li mill-Mitħna tidħol lejn iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li parti minn Triq Vince Dimech tinbidel id-direzzjoni tagħha. Kien hemm qbil li jiġu kkonsultati r-residenti tal-akwata. Minn Triq Salvu Psaila għal Vjal l-Indipendenza. |
| | | |
| 7.4.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li saru l-qsari fi Vjal ix-Xarolla u intgħoġbu. U r-residenti qablu li jsaqqushom huma stess.<br><br>Fuq ideja tas-Sindku kien hemm qbil mal-contract manager li s-siġar taż-żebbuġ jinżabru u jsir żejt taż-żebbuġa biex jingħata bħala souvinier. |
| | | |
| 7.4.7 | | Il-Kunsillier Kaydem Farrugia ssuġġerixxa li madwar il-pots issir xi xibka biex ma ssirx ħsara lis-saġar. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 7.4.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li hemm bżonn li jinżabbru s-siġar ta' Triq Dun Ġużepp Zammit. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Kuntrattur ilu avżat biex jagħmel tali xogħol.<br>• Għandha titwaħħal barrier fi Triq il-Kbira faċċata tal-Football Klabb.<br>• Jsiru double yellow lines fil-kantuniera minn Triq il-Kbira ghal fejn il-posta. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ġew aċċettati li jsiru żewġ barrieres oħra fi Triq Bronja k/m Vjal ix-Xarolla. |
| | | |
| 7.4.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici kien semma biex jagħmel bust lit-tabiba Maria Sciberras. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li l-berġa tkun imsemmija għaliha. Is-Sindku ssuġġeriet li tissema triq għaliha.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• li għall-awards tal-isports, jeħtieġ li tinħoloq attivita għal persuni ta' 'l fuq minn 55 sena. Din ser jibda jaħdem fuqha hu.<br>• Irridu inkunu nafu xi żvilupp hemm fuq il-miżbla ta' Wied fulija. Ġie nfuramat li x-xogħol għaddej. |
| | | |
| | | |
| ***7.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***7.5°*** | | ***Estimi Annwali 2020*** |
| 7.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-estimi annwali għas-sena 2020. Dan ġie approvat biex jitressaq lid-Dipartiment. |
| | | |
| ***7.5b*** | | ***Rapport Annwali Amministrattiv*** |
| | | |
| 7.5b1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport annwali Amministrattiv sena 2019 u ġie approvat. |
| | | |
| ***7.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 7.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** Persuna qed titlob li jsiru bollards mal-faċċata tar-residenza tagħna fi Triq San Bartilmew, minħabba li vetturi qed jagħmlulha ħsara fid-dar. Ma kienx hemm qbil.<br>***b)*** Qed jintalbu flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto fejn hemm il-ħwienet tal-pastizzi u detergents. Kien hemm qbil li titressaq f'seduta oħra.<br>c) Residenti fi Triq l-Isqof Alferan jixtiequ sleeping policeman u iffirmaw li jriduha r-residenti tal-vicin. Kien hemm qbil li tintalab it-talba lill-TM.<br>d) Residenti qed jitolbu li l-óne way ta' Triq l-Imqabba tibda minn Triq Napuljun għax qed ikun hemm inċidenti fl-akwati ta' bejn Triq l-Imqabba u Triq Napuljun. Kien hemm qbil li tissemma f'seduta oħra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | e) Residenti minn Triq San Bartilmew qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex issir oġġezzjoni fuq PA02439/19 biex ma issirx guest house fl-akwati, minħabba n-nuqqas ta' parking u l-istorbju għall-anzjani fl-akwati. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet din it-talba għall attenzjoni ta' persuna li tifhem fuq dawn il-każijiet u informa li ż-żmien ta' oġġezzjoni issa waqaf, imma persuna mil-Kunsill, tista tidher f'isem xi persuni tal-akwata u jitkellem f'isimhom.<br>*f)* F'dan il-punt is-Segretarju eżekuttiv ressqet talba biex il-Kunsill jinkariga lill-persuna li ssemmiet fl-aħħar seduta biex tara l-każijiet ta' applikazzjonijiet li joħorġu għall-bini, f'isem il-Kunsill, lesta li tagħmel dan ix-xogħol b'60Euro fix-xahar (titħallas l-ammont f'petrol). Dan jekk ma jkunx hemm xi applikazzjoni li tkun trid oġġezzjoni lill-Planning Authority, għax f'dak il-każ hi lesta li titħallas separatament. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>g) Resident minn Triq San Mark qed jitlob permess biex jgħamel tarġa quddiem il-bieb ta' barra tiegħu minħabba li l-post hu għoli biex taċċessah. Jekk it-triq tippermetti issir bankina minflok.<br><br>h) Intalbet bozza biex titwaħħal maċ-changing rooms taż-Żurrieq Wolves. Kien hemm qbil fuq dawn. |
| | | |
| 7.6.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li resident minn Triq Bronja li faċċata tiegħu saru bollards flexible jixtieq jagħmel appuntament mal-Kunsill biex jiddiskuti dan il-każ. Is-Segretarju infurmat li din il-persuna kienet bagħtet ittra bl-avukat u l-Kunsill irrisponda bl-avukat tiegħu. Ma kienx hemm qbil li terġa ssir diskussjoni fuq il-każ, għax il-kunsill kien diġa ħa deċiżjoni. |
| | | |
| 7.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waħda mill-iskrivani tal-Kunsill ilha għaxar snin fl-istess skala u minħabba li tagħmel xogħol sodisfaċenti ħafna, qed tipproponi li titla skala. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 7.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ser jiffirma adendum ma'Infrastructor Malta biex jiġi estiż il-kuntratt li għandhom mal-Kunsill biex issir Sqaq ta' B'xejn bil-miżura 4.3. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***7.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 7.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsillier Kyle Mifsud qal li s-Sotto Kumitat Żgħażagħ flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ħadem fuq proposta biex japplika għal fondi taħt skema 'Achievers' fejn hemm offruti sa massimu ta' 3,000Euro.<br><br>Dawn huma d-dettalji:<br><br>• Iridu japplikaw żgħażagħ ta'bejn 13 u 30 sena<br>• Post ser ikun is-sala tal-Kunsill ġo l-iskola primarja taż-Żurrieq<br>• Kors ta' First Aid li jiswa 35Euro kull persuna |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Iridu jintnefqu 3,000Euro b’kollox - għalhekk jistgħu jinkitbu sa 80 persuna = 2,800Euro.<br>• Jinqasam fi tliet gruppi ta’ 27 persuna kull grupp<br>• Kull grupp ser ikollu jattendi għal 5 siegħat kors maqsum f’jumejn u f-aħħar tal-kors kulħadd jieħu ċertifikat u maskla tal-plastic li tintuża għas-CPR li tiswa 3Euro ( 240Euro b’kollox)<br>• Kull persuna tħallas 20euro u fl-aħħar tal-kors jekk ikun attenda l-kors kollu, jerġa jingħata lura l-20Euro flimkien maċ-ċertifikat u l-maskla<br>• Fl-aħħar jum qabel ma jingħataw iċ-ċertifikati ser ikunu mistiedna rapprezentanti mis-sedqa biex jitkellmu fuq l-użu tal-kannabis.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***7.6b*** | | ***Kuntratt tal-ġbir ta’ skart riċiklabbli*** |
| | | |
| 7.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft ta’ dak propost li ser jingħata mill-Kumpanija Green Pak li ġie riċevut sad-data tal-għeluq, għas-sentejn li ġejjin fejn jidħol kuntratt ta’ skart riċiklabbli. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa b’dan il-kuntrattur. |
| | | |
| ***7.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 7.7.1 | | Ma kienex hemm minuti x’jiġu approvati. |
| | | |
| ***7.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI*** |
| | | |
| 7.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta’ pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta’**€64,145.14**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta’ pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Tiffanny Ann Farrugia u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***7.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 7.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b’dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 22 ta’ Jannar, 2020 fis-6.00 ta’ filgħaxija. |

Konfermati, illum __22 ta’ Jannar, 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |